MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2008

Rikors Numru. 755/2008

**Fl-atti tal-mandat ta’ qbid numru 644/2008 fl-ismijiet:**

**Avv. Kenneth Grima nomine**

**vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores et nomine**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-socjeta estera Boss Media AB u tal-kunsinnatarju l-Avukat Dottor Andrew Zammit;

Rat id-digrieti taghha precedenti;

Rat ir-risposta u r-risposta ulterjuri tas-socjeta Trillion Limited;

Semghet id-didensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tar-rikorsi numru 773/08, 749/08 u 739/08 li gew trattati kontestwalment mal-presenti rikors;

Jirrizulta li s-socjeta Trillion ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' qbid (numru 644/08) kontra s-socjeta estera Boss Media AB ghal pretisi danni sofferti mis-socjeta Trillion in vista ta' allegat ksur illegali ta' kuntratt da parti tas-socjeta estera Boss Media. Ghal finijiet tal-imsemmi mandat dawn id-danni gew kalkolati li jammontaw ghal hames miljuni euro (€5000000). Il-mandat gie esegwit u gew maqbuda "computer servers" li jintuzaw ghal "on line gaming" u gie ukoll mahtur l-Avukat Dottor Andrew Zammit bhala kunsinnatarju. Is-socjeta Boss Media ttantat titlob ir-revoka ta' dan il-mandat pero' t-talba relattiva giet michuda;

Inoltre jirrizulta li l-imsemmija oggetti maqbuda jinsabu kollokati fl-ufficini ta' terzi. L-oggetti maqbuda baqghu kollokati fejn kienu u s-socjeta estera Boss Media baqghet tuza l-istess oggetti u dana anke wara li gie esegwit il-mandat u wara li gie mahtur l-imsemmi kunsinnatarju. L-imsemmija socjeta estera, ghalhekk, baqghet tghamel uzu mis-servers u, ghalhekk ukoll, kompliet toffri s-servizzi taghha lill terzi tramite l-uzu tal-istess oggetti maqbuda;

Jirrizulta ukoll li b'digriet tal-14 ta' Lulju 2008 giet awtorizzata l-elevazzjoni tal-imsemmija oggetti maqbuda. F'dan ir-rigward jigi rilevat li jekk is-servers in kwestjoni jigu fisikament elevati jew jigu "switched off" dan ikun

ifisser li l-attivita' kummercjali kollha ta' Boss Media tieqaf immedjatament;

Fil-presenti rikors is-socjeta estera Boss Media qed titlob li jigi revokat "contrario imperio" l-imsemmi digriet tal-14 ta' Lulju 2008 u li jigi ordnat li, b'effett immedjat, titwaqqaf l-elevazzjoni tal-oggetti maqbuda u dana ghar-ragunijiet kontenuti fir-rikors;

Is-socjeta Trillion tissottemetti li, la darba l-elevazzjoni tal-oggetti ghadha ma sehhitx u ghalhekk il-mandat ghadu ma giex esegwit, ma tistax issir opposizzjoni ghall-esekuzzjoni tal-mandat. Dana skond il-provedimenti tal-artikolu 279 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jistipula li ma tistax issir opposizzjoni ghall-esekuzzjoni tal-mandat hlief wara li tkun saret l-esekuzzjoni tal-mandat;

L-artikolu 846 tal-Kapitolu 12, li jittratta dwar il-mandat ta' qbid kawtelatorju (bhal mandat in kwestjoni), jiddisponi li dak li hemm provdut fl-artikoli 278 sa 304 tal-istess Kapitolu, li japplikaw ghal mandat ta' qbid esekuttiv, huma ukoll applikabbli ghal mandat ta' qbid kawtelatorju. Kwindi l-imsemmi artikolu invokat mis-socjeta Trillion, hu applikabbli ghal kaz in esami;

L-artikolu 281(2) jipprovdi li l-marixxal inkarikat mill-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid ghandu immedjatament jghamel referta li hu esegwixxa l-mandat u jghati fuq l-istess referta d-dettalji kollha tal-esekuzzjoni. L-artikolu 283A jghati d-dritt lil minn issubixxa il-mandat li jitlob li l-istess att jithassar "in parte" jew "in toto";

Dawn il-provedimenti jindikaw li li l-mandat ta' qbid jigi esegwit meta l-marixxal jghamel l-imsemmija referta bid-dettalji kollha tal-esekuzzjoni. L-artikolu 291, pero',

jitkellem dwar il-hatra ta’ kunsinnatarju, li ghandu jiehu taht idejh il-hwejjeg maqbuda. Dan l-artikolu, u l-artikoli sussegwenti, ma jindikawx meta ghandha issir il-hatra tal-kunsinnatarju. Ghalhekk il-kunsinnatarju jista jigi mahtur fl-istess hin li jigi esegwit il-mandat, pero’ jista jigi mahtur ukoll wara li ssir l-esekuzzjoni. Addirittura jista jigri li l-kunsinnatrju jibqa minghajr ma jigi nominat. Ghalhekk jidher li hu konfermat li m’hemmx ghalfejn li jkun hemm l-elevazzjoni biex jista jinghad li l-esekuzzjoni tal-mandat tkunx kompleta. Kwindi tista ssir opposizzjoni ghal esekuzzjoni tal-mandat ta’ qbid anke jekk l-oggetti maqbuda ma jkunux gew elevati. Di piu’ fil-kaz in esami jirrizulta li saret l-esekuzzjoni u li inoltre gie mahtur kunsinnatarju. Jekk il-kunsinnatarju ma jaqdix id-doveri tieghu skond il-ligi, hemm varji provedimenti ulterjuri li jistghu jittiehdu anke fil-konfront tal-istess kunsinnatarju;

In vista ta’ dan kollu ma jirrizulta xejn irregolari f’dawn il-proceduri u kwindi l-imsemmija sottomissjoni tas-socjeta Trillion mhux qed tigi akkolta;

Dwar il-mertu tar-rikors, l-artikolu 298 jghid li l-kunsinnatarju ma jistax jghamel uzu bil-hwejjeg maqbuda u lanqas ma jista jippermetti lid-debitur juza l-istess oggetti. Il-kunsinnatarju m’ghandux jippermetti li d-debitur jibqa jzomm l-oggetti fil-pussess tieghu;

Dawn il-provedimenti jindikaw li l-elevazzjoni fisika tal-oggetti hi parti essenzjali u integrali tal-mandat ta’ qbid. Kwindi, skond il-ligi, l-elevazzjoni tal-oggetti trid issehh nonostante li dan jista jgib it-twaqqif immedjat tal-attivita’ kummercjali tad-debitur. Sta ghal kreditur li jara jekk dan ikunx ta vantagg jew addititura ta’ svantagg ghalih. Fi kwalunkwe kas id-drittijiet tas-socjeta Trillion iridu jigu salvagwrdati in partikolari in vista tal-fatt li jidher li l-fondi provenjenti min-negozju ta’ Boss Media ma jigux hawn Malta izda imorru f’pajjiz iehor membru tal-Unjoni Ewropea. Del resto hi l-istess socjeta Trillion li ghazlet li tipprotegi dawn id-drittijiet pretisi taghha, bl-ottjeniment tal-hrug ta’ mandat ta’ qbid kawtelatorju. Eventwalment is-socjeta estera Boss Media jista jkollha azzjoni kontra

Trillion jekk jirrizulta xi haga irregolari fl-ottjeniment tal-hrug tal-mandat ta’ qbid;

In vista tal-premess:

Tipprovdi fuq il-presenti rikors tas-socjeta estera Boss Media u tal-kunsinnatarju billi:-

1) tirrevoka “contrario imperio d-digriet taghha tas-17 ta’ Lulju 2008 fejn gie ordnat li temporaneament titwaqqaf l-elevazzjoni tal-oggetti in kwestjoni u billi fl-istess hin tichad it-talbiet kollha tas-socjeta estera Boss Media AB u tal-kunsinnatarju kif dedotti f’dan ir-rikors;

2) tikkonferma bhala kunsinnatarju lill-Avukat Dottor Andrew Zammit u dana fil-fakoltajiet u obbligi kollha skond il-ligi;

3) tordna li l-elevazzjoni tal-oggetti maqbuda issehh fit-18 ta’ Settembru 2008 u dan billi l-oggetti maqbuda fisikament jitnehhew minn fejn jinsabu u jitpoggew f’post li jghazel il-kunsinnatarju jew billi l-oggetti jibqghu fejn huma u s-“servers” jigu “switched off”. Fi kwalunkwe kaz l-oggetti maqbuda ghandhom jibqghu l-hin kollu taht il-kontroll tal-kunsinnatarju. Qed jinghata terminu sabiex issehh l-elevazzjoni sabiex terzi jkunu jistghu jissalvagwardjaw id-drittijiet u l-interessi taghhom;

4) tordna li l-kunsinnatarju, skond il-ligi, ghandu jiehu il-prekawzjonijiet kollha sabiex l-oggetti in kwestjoni ma jiddeterjorawx fil-kondizzjoni taghhom u izommu, kemm jista jkun, il-valur taghhom;

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------